**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Frar 2021**

**Rikors Numru : 313/2020 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**MAP**

**U**

**MP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' MAP u MP datat 17 ta' Settembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet kienu izzewwgu nhar it-22 ta' Mejju, 1993 u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg taghhom, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u immarkata bhala 'Dokumenti MAP 1';*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda, S, u illi ghalhekk illum hija maggorenni;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt ta' nhar is-17 t'April, 2015 fl-atti tan-Nutar Keith Calleja, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u immarkata bhala 'Dokument MAP 2';*

4. *Illi ghal finijiet u efetti kollha tal-ligi senjatament l-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-partijiet jiddikjaraw illi:*

*(i) Il-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn erba' (4) snin matul il-hames (5) snin li ghaddew;*

*(ii) Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

*(iii) Ma hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet;*

*5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant il-partijiet umilment jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:*

*1. Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ikkuntrattat bejniethom;*

*2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**MP xehed** (vide fol 15 et seqq.) illi huwa zzewweg lil MAP nhar it-22 ta' Mejju 1993 u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, illum ghandha 22 sena u ghadha qed tistudja. Ikkonferma illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt konsenswali. Xehed illi mid-data ta' din is-separazzjoni sallum qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejniethom u lanqas ma hemm tama tal-istess. Finalment zied jghid illi l-manteniment tat-tifla dejjem thallas u ghalhekk ma

hemmx arretrati.

**MAP xehdet** (vide fol 17 et seqq.) fejn hi kkonfermat u kkollaborat dak li xehed P.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Mejju 1993

(certifikat numru 736/1993, vide fol 10) u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda u li llum hija maggorenni pero ghadha qed tistudja.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Keith Calleja, datat 17 t'April 2015 (vide Dok MAP2, fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, bic-certifikat numru 736/1993 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**